MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 819/2003

**Mario Borg, Joseph Borg, Maria Pirotta, John Pirotta, Inez Pirotta, Paul Pirotta, Doreen Astarita, Paul Borg, Stephanie Spiteri, Simone Bartolo, Mariella Cefai, Martin Borg u Mark Borg**

***Versus***

***Grech & Co. Limited***

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-iżgumbrament tas-soċjetà konvenuta minn fond tagħhom li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda żżomm b'titolu ta' sub-lokazzjoni issa li l-lokazzjoni, u għalhekk ukoll is-sub-lokazzjoni, intemmu.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi għandhom b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-fond numru 38, *The Strand*, tas-Sliema, li kien mikri lil Arthur u Dolores Rizzo. Il-kiri kien intemm b'sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-15 ta' Jannar 2003.

Arthur u Dolores Rizzo kienu taw il-fond b'sub-lokazzjoni lis-soċjetà konvenuta; din qatt ma kellha relazzjoni diretta ma' l-atturi, u wara li ntemm il-kiri l-atturi irrifjutaw il-kera li offritilhom is-soċjetà konvenuta.
Wara li ntemm il-kiri, is-soċjetà konvenuta issa qiegħda żżomm il-fond mingħajr titolu li jiswa fil-liġi, iżda għalxejn l-atturi kemm-il darba sejħulha sabiex tiżgombra mill-fond. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu kemm illi l-qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ kif ukoll illi tordna l-iżgumbrament tas-soċjetà konvenuta. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' tliet ittri bonarji.
B'nota tal-15 t'Ottubru 2003, magħmula taħt l-art. 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u wkoll waqt is-seduta ta' l-24 t'Ottubru 2003, is-soċjetà konvenuta talbet li titħalla tikkontesta l-kawża; b'dikriet mogħti llum stess, iżda, il-qorti ċaħdet dik it-talba.
Għalhekk, billi, fil-fehma tal-qorti, din il-kawża għandha tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, għax lill-konvenuta ma seħħilhiex li turi li l-proċedura li biha nqdew l-atturi ma hix regolari jew ma tgħoddx għall-każ, u lanqas *prima facie* illi għandha eċċezzjonijiet, taqta' l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tiżgombra mill-fond 38, *The Strand,* tas-Sliema, fi żmien xahar millum, u tikkundannaha wkoll tħallas l-ispejjeż legali u ġudizzjarji mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------